# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-24 ta' Gunju 2021**

**Rikors Numru : 58/2021 JPG**

**Kawza Numru : 2**

**LX**

**Vs**

**MC**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' LX (detentriċi KI 3880M), datat 11 ta' Frar 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet ingħaqdu fiż-żwieġ fis-sbatax ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (17/03/2012) fir-Reġistru Pubbliku, Evans Building, Valletta, kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A;*

2. *Illi mit-tali żwieġ tweldu żewġt itfal, u ċioè L li twieldet f'X u B li twieled f'Y u li għalhekk għadhom minorenni;*

3. *Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni datat sebgħa u għoxrin ta' Diċembu tas-sena elfejn u sbatax (27/12/2017) fl-Atti tan-Nutar Dottor Matthew Nicholas Borg, kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. B;*

4. *Illi m'hemm l-ebda prospett raġjonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi ilhom mil-wieħed u tletin ta' Marzu tal-elfejn u sittax (31/03/2016) jgħixu separatament, u huma għandhom ħajja totalment separata u independenti minn xulxin;*

5. *Illi ma hemm ebda pendenza dwar ħlas ta' manteniment minn xi parti fil-konfront tal-parti l-oħra, u dan għaliex il-partijiet irrinunzjaw reċiprokament mid-dritt li jitolbu u jottjenu ħlas ta' manteniment mingħand xulxin, u dan kif jirriżulta minn klawsola numru erbgħa (4) tal-kuntratt ta' separazzjoni, u anke billi l-ħlas ta' manteniment ta' erbgħa mija u ħamsa u tletin Ewro (€435) fil-kontront taż-żewġ minorenni qiegħed jiġi mħallas mir-Raġel u ċioe missier it-tfal minuri kif miftiehem bejn il-partijiet;*

6. *Illi dawn il-fatti jinkwadraw ruħhom u jissodisfaw il-kundizzjonijiet u kriterji kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-partijiet jiksbu d-divorzju.*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tippronunzja d-divorzju, ossia l-ħall taż-żwieġ bejniethom;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, biex isiru d-debita registrazzjoni u annotamenti fl-atti civili relattivi fir-Registru Pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' MC, datata 17 ta' Mejju 2021, a fol 26, li taqra hekk:

*Illi hija taqbel mat-talbiet kif dedotti fir-rikors suriferit.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-Nota ta' LX datat 4 ta' Mejju 2021, li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu;

Rat in-nota ta' MC datata 17 ta' Mejju 2021, li permezz taghha ppresentat l-affidavit taghha;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**LX** xehed (vide affidavit fol 24) illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal perjodu ta' aktar minn erba' snin. Iddikjara illi ma hemm ebda possibilita' ta' rikonciljazzoni. Xehed illi ma hemm ebda kwistjonijiet pendenti bejniethom rigward il-manteniment.

**MC** xehed (vide affidavit fol 27) u kkonfermat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba'***

*snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-17 ta' Marzu 2012, liema zwieg jgib c-certifikat numru 330/2012 (vide Dok A, certifikat taz-zwieg, a fol 4). Minn dan iz-zwieg kellhom zewgt ulied, li ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat nhar is-27 ta' Dicembru 2017, fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Borg (vide Dok B, a fol 5 et seqq.) Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu', il-partijiet jiddikjaraw li ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 330/2012 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**